# IBNU

*Mill-Ingliż)*

Ismagħni ibni: irrid inkellmek, waqt li int tinsab rieqed, b'idejk ċkejkna milwija taħt ħaddejk u b'xagħrek dehbi mmewweġ imwaħħal fuq ġbinek maħsul bil-għaraq. Ħrabt ħarba waħdi sa kamartek. Ftit minuti ilu, xħin kont bil-qiegħda magħluq ġo kamarti naqra gazzetta, mewġa qawwija ta' ndiema ħakmitni b'saħħitha kollha. Ma flaħtx għaliha iżjed. Ħassejtha toħnoqni. Imtebba' bil-ħtija ġejt ħada soddtok.

"Dawn huma l-ħsebijiet li għaddew minn moħħi, ibni: kont imgħaddab għalik. Ċanfartek waqt li kont qed tilbes għall-iskola għaliex wiċċek ixxuttajtu kif ġie ġie. Ċanfartek għax ma naddaftx iż-żarbun. Għajjatt miegħek meta sibt li ħallejt xi ħwejjeġ jaqgħulek ma' l-art.

"Waqt li konna nieklu ċanfartek ukoll. Int xerridt l-ilma. Blajt f'ħin wieħed l-ikel. Qegħidt minkbejk fuq il-mejda. Ċallast ħafna butir fuq il-biċċa ħobż li kellek. U wkoll, meta jien kont sejjer għax-xogħol, u inti tlaqt tilgħab, dort lejja, xejjirtli b'idejk ċkejkna, u sejjaħt: 'Ħa nbus idejk, pa !', u jiena nkeddejt fija, u weġibtek, 'Inħallsek ! Mur lejn id-dar ! '

"L-istess raġa' ġara wara nofs inhar. Waqt li jien kont ġej id-dar, ilmaħtek għarkubtejk tilgħab il-boċċi. Il-kalzetti kinulek kollha mqattgħin. Jien rajtek tiħmar, wiċċek imwaqqa' l-art, meta ġgħaltek tgħaġġel quddiemi lejn id-dar. Il-kalzetti jqumu ħafna flus—u kieku kellek tixtrihom minn butek, kont kieku tieħu ħsiebhom. Gib-quddiem għajnejk kulma rajt minn missierek, ibni ! Loġika tassew fiergħa u bla ħajr kienet dik tiegħi !

"Tiftakar, l-aħħar darba, meta jien kont naqra f'kamarti, int dħalt qajl qajla, fuq ponot subgħajk, b'ħarsa mgerrxa f'għajnejk? Meta jien erfajt għajnejja minn fuq il-gazzetta, bla sabar għax qtajtli l-qari, int uqaft imfixkel fil-bieb. 'Xi trid ?' għaġġilt ingħidlek. Int ma weġibtx, ġrejt lejja kemm kellek saħħa, xħett dirgħajk ma' għonqi, u bistni, bistni, bistni, u sidrek ċkejken tħaddan miegħi b'imħabba kbira, b'dik l-imħabba li Alla ħeġġeġ ġo qalbek li, ukoll jekk ma

tiħux ħsiebha, ma tista' qatt tintemm. U mbagħad int tlaqt; jien smajt il-passi tiegħek telgħin it-taraġ.

"Hekk hu, ibni; ftit ħin wara l-gazzetta waqgħet minn idejja, u biża' kbir ħassejtu jmarradli ruħi. Dak il-ħin intbaħt kif kont qed inġib ruħi miegħek, bla ħniena, kemm ġbidt għal xawatti, u ħassejt qalbi tingħafas. Drawwiti, fejn kienet qed twassalni? Id-drawwa li nċanfrek, inwaqqa' l-ħtija fuqek u nmaqdrek — b'dawn jien ħallastek għax inti għadek ċkejken. Mhux għax ma ħabbejtekx; imma għax stennejt, għax ridt wisq minnek. Kont qed inqis b'xibri.

"U hawn int urejt il-karattru tiegħek, tajjeb u sabiħ. Ma kienx jisthoqqlok dak kollu, ibni. Qalbek ċkejkna wriet kobor daqs il-kobor tas-sebħ in-nifsu li jinfirex fuq il-għoljiet wiesgħa. Dan int kollu wrejtu l-lejla meta, b'ħeġġa mignuna ta' mħabba ġejt tiġri lejja, u tbusni. Issa, mela, kollox għadda u ntesa, ibni. Ġejt fid-dlam fejn soddtok, inżilt għarkubtejja fejnek, imqanqal, u mistħi!

"Dan hu ħlas ċkejken; jien naf li inti ma tifhemx dawn il-ħwejjeġ ukoll jekk ingħidhomlok meta tkun imqajjem, imma nħoss li għandi ngħid dan li qiegħed ingħid. Waħdi, ħdejn soddtok, irrid naħraq in-nar tas-sagrifiċċju, u nqerr ħtijieti. Nitlob 'l Alla li jsaħħaħni f'dan il-ħsieb li waħħalt f'rasi issa. Għada nkun tassew missierek! Inqatta' ż-żmien miegħek, inbati meta tbati int, u nidħak meta tidħak int. Jiena ngiddem xufftejja meta xi kliem, bla sabar, ikun irid joħroġ. Inżomm quddiem għajnejja dan bħalkieku xi ħaġa qaddisa: "Mhuwiex ħaġ'oħra ħlief tifel ċkejken!"

"Jisgħob bija li ħarist lejk bħallikieku kont xi raġel. Iżda kif qiegħed narak issa, ibni, mimdud għajjien fil-benniena tiegħek, issa nara li għadek tarbija. Il-bieraħ rajtek fuq driegħ ommok, rasek mistrieħa fuq spallejha. Jien ridt ħafna minnek, ħafna.

"Ibni l-għażiż! Ibni ċkejken l-għażiż! Bniedem niedem hawn mixħut għarkubtejh quddiemek, hawn f'dawl il-qamar. Irrid inbus subgħajk ċkejknin u ġbinek maħsul bil-għaraq."

Ġużè Chetcuti